# TLIET ĊIMITERJI ŻGĦAR F'ĦAL LUQA

F'Ħal Luqa nsibu erba' ċimiterji. Biss, hawnhekk m'aħniex se nitkellmu fuq iċ-ċimiterju tal-Parroċċa li jinsab fi Triq il-Gudja, iżda fuq it-tlieta l-oħra li m'għadhomx jintużaw.

- *IĊ-ĊIMITERJU TA' SAN TUMAS*

Dan jinsab fi Triq Tumas li minn Wied il-Knejjes tagħti għall-ajruport l-antik. Għal kuntrarju ta' dak li jaħsbu xi wħud, f'dan iċ-ċimiterju hemm in-nies midfunin fih. Fl-antik kien hemm knisja żgħira jew kappella ddedikata lil San Tumas Appostlu. (Il-kwadru tutulari tagħha – xogħol fuq l-injam – jinsab fis-sagristija tal-knisja parrokkjali).

Kellha altar żgħir tal-ġebel u xi tiżjin ieħor iżda milli jidher maż-żmien ġiet abbandunata. L-Isqof Balaguer kien qal lill-kappillan li jekk tibqa' mitluqa, kien sa jipprofonaha, kif fil-fatt għamel fl-1656.



Iċ-Ċimiterju ta' San Tumas

Fl-1771, l-Isqof Pellerano ordna li tinħatt għal kollox. Ried ukoll li l-art fejn kienet tiddawwar b'ħajt u jitwaqqaf salib fin-nofs.

Fl-aħħar tas-seklu l-ieħor, Dun Pietru Demicoli bl-għajnuna ta' Mastru Indri Spiteri li kien joqgħod viċin l-istess knisja ħadu interess f'dal-post u, billi sabu ħafna għadam umani waqt li kienu qed inaddfu, neħħew il-kumplament tas-saqaf bil-ħsieb li jħalluh biss bħla ċimiterju. Għalhekk għamlu speċi ta' urna tal-ġebel fin-nofs u poġġew l-għadam fiha. Flok il-faċċata l-qadima bnew oħra, dik li naraw illum. F'nofs il-faċċata fuq il-bieb poġġew statwa ta' San Tumas filwaqt li mal-ġnub tagħha poġġew żewġ statwi oħra li qabel kienu mal-faċċata tal-Knisja tal-Vitorja ta' Ħal Farruġ li kellha tinħatt minħabba l-ajruport. Dawn iż-żewġ statwi kien skolpihom Mastru Salv Micallef. (B'xorti ħażina dawn l-istatwi ġew ivvandalizzati fis-snin tmenin). Illum dan iċ-ċimiterju jinsab abbandunat għal kollox.

- ***IĊ-ĊIMITERJU TAT-TRIQ TAL-BELT***

Fl-epidemija tal-kolera ta' l-1850, f'Ħal Luqa mietu b'kollox tlettax-il ruħ. Dawn indifnu f'dan iċ-ċimiterju li kien għadu kif għamel il-Gvern biex jaqta' mill-knejjes id-dfin ta' dawk li jmutu b'mard li jittieħed.



Iċ-Ċimiterju tat-Triq tal-Belt (minn barra)



Iċ-Ċimiterju tat-Triq Tal-Belt (minn ġewwa)

Fih hemm midfunin ħafna Ħalluqin – is-Sur James Ciappara f'artiklu qasir li kiteb fil-fuljett *Leħen il-Parroċċa* f'Novembru 1979 isostni li, biss, hu jiftakar 43 persuna li tqiegħdu fih. Illum, dan iċ-ċimiterju qiegħed taħt il-ħarsien tal-Kunsill Lokali u miżmum fi stat tajjeb.

- *IĊ-ĊIMITERJU TA'WIED IL-KNEJJES*

Il-pesta li laqtet lir-raħal bejn l-1592-93 ħolqot problema kbira minħabba li ma kienx hemm fejn jidfnu l-mejtin. Ċertu Marjanu Taliana offra l-għalqa li kellu maġenb il-knsija ta' Santa Marija ta' l-Ibwar, f'Wied il-Knejjes u b'hekk beda dan iċ-ċimiterju. L-Isqof Gargallo, waqt il-vista pastorali ta' l-1600, ta' daqqa t'għajn din il-kappella u kkonferma li fiċ-ċimiterju ta' ħdejna kien hemm il-fdalijiet ta' dawk li ntilfu fil-pesta ta' seba' snin qabel. Fl-1771 l-Isqof Pellerano ordna li l-knisja kellha tinħatt minħabba li kienet fi stat miżerabbli.

Għal ħafna żmien dan iċ-ċimiterju tħalla żdingat iżda fl-1980 grupp ta' rġiel u żgħażagħ mir-raħal naddfuh u reġgħu tawh derha li tixraq post

bħal dan. Nhar il-Ħadd, 16 ta' Novembru, il-kappillan Dun Kalċidon Vassalo qaddes f'dan iċ-ċimiterju quddiem folla mdaqqsa u wara bierek lapida kommemorattiva ta' l-irħam li twaħħlet mal-ħajt taċ-ċimiterju, bierek ukoll l-istatwa tal-Madonna (mogħtija minn Felix Baldacchino) li tpoġġiet fuq il-bieb taċ-ċimiterju.

Meta wieħed iħares sewwa lejn il-pjanta ta' dan iċ-ċimiterju, jista' jintebaħ li aktarx kien hemm passaġġ u fil-fetħa ta' ġewwa, kien hemm knisja li tixbah il-kappella ta' Ħal Millieri. (Jista' jkun li għad hemm il-pedamenti mirduma).

Ta' min jgħid li f'dan iċ-ċimiterju hemm żewġ statwi oħra, waħda ta' San Mikiel u l-oħra ta' Santu Rokku li qabel kienu fuq iz-zuntier l-antik tal-knisja parrokkjali.



L-Istatwi ta' San Mikiel u Santu Rokku fiċ-Ċimiterju ta' Wied il-Knejjes